MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1428/1997/1

**Maria Baldacchino u b' nota tas-7 ta' Lulju 2000, Rita Castorina assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Edwin Pace**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Gunju 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici Maria Baldacchino hija proprjetarja tal-fond 16, Hospital Alley, Imqabba u ghandha jghixu maghha lil Mattew u Rita konjugi Castorina li jabitaw fl-istess fond flimkien ma' wliedhom minuri;

Premess illi l-konvenut huwa da parti tieghu proprjetarju jew pussessur tal-garaxx u l-ambjenti sovrastanti fl-istess triq, li jidher immarkat bl-ittra “X” fir-ritratt anness ma’ l-att tac-citazzjoni (Dokument MB1);

Premess illi kif jirrizulta mill-istess ritratt il-konvenut fetah tieqa li kwazi tmiss mal-hajt divizorju ta’ l-attrici Maria Baldacchino u f’ distanza hafna inqas minn dik komminata mil-ligi f’ Artikolu 443 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi l-konvenut qieghed jaghmel uzu kummercjali mill-imsemmi garaxx kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u sabiex jakkomoda l-interessi tieghu approprja ruhu mill-bankina u ghamel rampa u biha sahansitra invada l-proprjeta` ta’ l-attrici;

Premess illi di piu` din hija rampa ghal kollox perikoluza li minnha jdahhal u johrog vetturi b’ mod illi jikkawza nkonvenjenti serji lill-attrici u l-familjari taghha peress li litteralment jirraza ma’ l-entratura principali tal-fond taghha;

Premess illi l-konvenut qed johloq perikolu kontinwu b’ mod li tali agir qed jikkawza molestja gravi lill-istess attrici u dan bi ksur tal-principju tal-buon vicinat;

Premess illi ciononostante li l-attrici hadet il-mizuri kollha possibbli biex telimina dan kollu, pero` safa kollox ghalxejn;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara li t-tieqa sudetta nbniet mill-konvenut f’ distanza inqas minn dik rikjesta mill-hitan divizorju tal-fond ta’ l-attrici kif fuq spjegat;

2. Tiddikjara li l-kostruzzjoni tar-rampa fuq imsemmija saret b’ invazjoni tal-proprjeta` ta’ l-attirci u/jew li l-uzu taghha kif fuq spjegat jammonta ghal molestja gravi fil-

konfront ta' l-attrici u tali uzu hu bi ksur tal-principju tal-buon vicinat;

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju okkorrendo b' opera ta' periti nominandi:

i. jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji biex it-tieqa fuq imsemmija titpogga f' distanza rikjesta mil-ligi u [1]fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel ix-xoghlijiet necessarji a spejjez tal-konvenut;

ii. tinibih definittivament jew timponilu dawk il-kawteli necessarji sabiex tigi ghal kollox eliminata l-molestja gravi bi ksur tal-principju tal-buon vicinat taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita` ta' din il-Qorti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Mejju 1998, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-ligi;

2. Illi subordinatament, ix-xoghlijiet kollha li ghalihom qeghda tirreferi l-attrici saru mill-konvenut bi pjena informazzjoni u bil-kunsens taghha;

3. Illi huma ghal kollox gratwiti l-allegazzjonijiet ta' l-attrici li l-konvenut invada xi proprjeta` taghha jew li l-uzu legittimu u ragjonevoli tar-rampa in kwistjoni b' xi mod jammonta ghal molestja jew xi ksur tal-principju tal-buon vicinat;

[1] Kliem mizjud awtorizzat bid-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2000.

4. Illi ghalhekk t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC David Pace sabiex jirrelata unikament fuq il-parti teknika ta' l-azzjoni attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta' Gunju 1998 li biha ssottometta illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet sollevata taht l-Artikolu 2140 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-relazzjoni ta' espert gudizzjarju nominat li tinsab a fol. 46 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2002;

Semghet ix-xhieda in eskussjoni ta' l-istess espert gudizzjarju;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Awissu 2004 li permezz tieghu l-Qorti akkordat li l-provi prodotti fil-kawza fl-istess ismijiet, Citaz. Numru 2817/97 PS deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 jifformaw u jaghmlu parti integrali mill-atti tal-kawza odjerna, liema digriet inghata wara rikors konguntiv tal-partijiet;

Rat l-Affidavit ipprezentat u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Noti ta' osservazjonijiet ipprezentati mill-attrici fit-2 ta' Awissu 2004 u mill-konvenut fit-30 ta' Awissu 2004;

Rat l-atti kollha tal-process kif ukoll dawk tal-kawza l-ohra fl-istess ismijiet Citaz. Numru 2817/97 deciza fit-3 ta' Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:-

Il-punti devoluti mill-attrici ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti huma dawk kontenuti fil-premessi u d-domandi tac-citazzjoni u li jirreferu ghall-posizzjoni tat-tieqa fil-livell ta' l-ewwel sular tal-fond tal-konvenut *vis-à-vis* il-bini ta' l-attrici u r-rampa li l-konvenut ghamel quddiem il-garaxx tieghu;

Skond l-attrici t-tieqa in kwestjoni saret kuntrarju ghal-ligi, essenzjalment, is-subinciz (1) ta' l-Artikolu 443 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "is-sid ta' bini ma jistax jiftah twieqi f' boghod ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju";

Jinsab accertat fir-relazzjoni peritali fuq dan il-punt illi t-tieqa in kwestjoni tivvjola l-limiti tad-distanza okkorrenti u dan il-fatt jesigi li jittiehdu mizuri rimedjali biex tigi ristretta ghad-distanza gusta. Effettivament il-perit tekniku kkonstata li gjaladarba t-tieqa ma kinitx tinstab fid-distanza regolamentari din ghandha tidjieq sabiex issir hekk konformi mal-ligi (para. 16 tar-relazzjoni);

Affermata din l-konstatazzjoni, il-konvenut jiddefendi ruhu billi jikkontendi illi t-tieqa nbniet skond il-permess tal-bini u li inoltre l-attrici qatt ma ilmentat mieghu dwarha fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond tieghu fl-1984. Ara Affidavit tieghu a fol. 71. L-istess haga hu sostenut minn martu Carmen Pace fid-deposizzjoni taghha (Seduta, 16 ta' Frar 2001, fol. 83);

Fuq l-ewwel aspett, kif korrettement irrileva l-perit tekniku, il-permess tal-bini ma kienx jiggjova lill-konvenut in

kwantu dan jinghata mill-awtorita` kompetenti bla hsara ghad-drittijiet ta’ terzi. Sewwa wkoll gie opinat minnu illi “ghalhekk anke ghall-grazzja ta’ l-argument li kieku t-tieqa ghandha l-permess biex tkun kif inbniet jekk fil-ligi hemm li l-konvenut ghandu jirrispetta certu distanzi, allura anke bil-permess validu huwa ma jistax jibni t-tieqa ta’ dawk il-qisien” (para. 9 tar-rapport);

Ma jidherx mill-istess relazzjoni illi l-perit tekniku kkummenta dwar it-tieni aspett tad-difiza tal-konvenut. Dan forsi ghaliex manifestament din hi ta’ indoli legali u ghalhekk jispetta li din il-materja tigi epurata u deciza mill-Qorti;

Jibda biex jigi notat illi l-konvenut u martu mhumiex qed jallegaw illi l-attrici akkonsentit b’ mod espress ghall-fatt tat-tieqa izda semplicement illi din ma oggezzjonatx fil-fazi tal-kostruzzjoni taghha;

Huwa fatt li ghalkemm l-attrici rat it-tieqa tinbena dan il-fatt wahdu ma jikkostitwixix rinunzja, sakemm l-attrici b’ xi mod iehor ma tkunx uriet l-adezjoni taghha ghal li t-tieqa tinbena bil-mod li nbniet vicin il-hajt divizorju;

Fuq din it-tematika jkun forsi opportun li din il-Qorti taghmel rikjam ghal certi senjalazzjonijiet kif johorgu mill-gurisprudenza taghna:

(1) Ghalkemm b’ ligi, is-sid jista’ juza minn hwejgu kif irid, basta ma jaghmilx bihom uzu kontra l-ligi ... l-Artikolu 480 (illum 433) jikkostitwixxi limitazzjoni tal-proprjeta` u ghalhekk limitazzjoni tal-liberta` ta’ dgawdija tal-proprjeta` sancita fl-Artikolu 357 (illum 320) - **Kollez. Vol. XLIII P I p 297**;

(2) B’ danakollu gie enuncjat illi d-distanza mil-ligi specifikata, in kwantu tikkostitwixxi servitu legali ghall-utilita` privata [Artikolu 402(2), Kodici Civili], din “tista’ tigi modifikata, u ghall-bzonn rinunzjata, minn min ghandu

interess (**Touillier**, Diritto Civile, Vol. II para. 591) anke tacitament (**Atzeri-Vacca**, Delle Rinunzie, para 186) ...” (**Kollez. Vol. XLI P II p 954**);

(3) Gie imfakkar pero`, anke jekk minn konsiderazzjoni ohra, illi “*secondo leggi moderni ed antiche non importa rinunzia ad una servitu` la sola scienza del proprietario del fondo dominante della costruzione nel fondo serviente di un opera contraria alla servitu` sulla stessa costituita; ne` importa rinunzia il silenzio da lui serbato durante tale costruzione*” (**Kollez. Vol. XVI P I p 90**);

(4) Hi del resto enuncjazzjoni ben assodanti illi “rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista’ tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta’ atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu” (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646; “Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri *nomine*”**, Appell Civili, 18 ta’ Marzu 1977);

In bazi ghal dak li ntqal ma jidherx li fil-kaz taht konsiderazzjoni jista’ jitnissel illi kien hemm rinunzja, anke tacita, ta’ l-attrici ghas-semplici motiv li din baqghet passiva u ma oggezzjonatx fil-mument tal-kostruzzjoni tat-tieqa. Tali cirkostanza, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma tippresupponix b’ mod car u uniku l-abbandun tad-dritt taghha li tassikura adempiment da parte tal-konvenut mal-vot tal-ligi espress fl-Artikolu 443 (1) tal-Kodici Civili. Inversament jista’ jinghad li l-fatt stess li oggezzjonat bl-azzjoni prezenti, u bl-atti l-ohra li saru ad istanza taghha, jikkostitwixxu manifestazzjoni cara li l-attrici ma kinitx intenzjonata li tabdika dan id-dritt taghha;

Dwar l-ilment ta’ l-attrici fir-rigward tal-kostruzzjoni tar-rampa li saret mill-konvenut din iggib b’raguni illi l-

kostruzzjoni taghha saret b' invazjoni tal-proprjeta` taghha u b' molestja gravi ghaliha;

Huwa pacifiku illi "*l' invasione o la restrizione del diritto dell' altrui proprieta`, o del possesso dello stesso, quando questa segue senza il consenso del proprietario, o del possessore, della cosa, anzi contro il suo volere, costituisce una violazione di quella proprieta` o del possesso della stessa ...*" (**Kollez. Vol. XX P II p 308**). Jokkorri ghalhekk, fuq il-bazi ghar-rizultanzi processwali, li jigi ezaminat jekk effettivament tezistix din l-invazjoni kostitwenti l-vjolazzjoni u jekk tali stat ta' fatt arrekax dik il-molestja gravi lamentata mill-attrici;

Fil-fehma tal-perit relatur ir-rizoluzzjoni ta' din il-kwestjoni trid tigi nkwadrata fil-perspettiva logika ta' l-izvilupp li sar fl-inhawi kompriz il-ftuh ta' garaxxijiet u l-formazzjoni tat-triq. In materja, jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) L-arja 'l barra mill-fondi tal-kontendenti hija pubblika u ghalhekk soggetta ghat-tfassil u twettiq ta' progetti fuq skala urbana bhal dawk intizi mill-Kunsill tal-lokal;

(2) Gjaladarba l-konvenut gie permess jiftah bieb ta' garaxx ghal fuq it-triq ghandu jkollu l-facilita` u d-dritt li jaghmel l-ahjar uzu minnu permezz ta' rampa ghad-dhul u hrug bil-vetturi tieghu mill-garaxx. Konsegwentement il-konvenut ma ghandux jigi inibit jew prekluz milli jezercita dan il-jedd;

(3) Naturalment il-perit tekniku ma naqasx milli jenfasizza illi l-ezercizzju ta' dan il-jedd kellu dejjem isir bi prudenza u b' mod li jaghmel l-anqas inkonvenjent lill-girien (para. 19 u para. 20 tar-relazzjoni). Ghall-ahjar indukrar ta' dawn id-drittijiet ta' l-attrici, il-perit ghadda mbaghad biex permezz ta' *sketch* (fol. 62) jindika dik is-soluzzjoni prattika li tikkonsentixxi liz-zewg kontendenti jkollhom l-ahjar godiment ta' drittijiethom. Dan kif ahjar

deskritt minnu f' para. 19 tar-rapport u ghal-liema qed issir pjena referenza;

Indubbjament, sakemm ma jkunx provat xort' ohra, hu prezunt li l-arja 'l barra mill-bibien esterni tal-fondi tal-kontendenti tappartjeni lid-dominju pubbliku u hija ghalhekk, fir-rispett tar-regolamenti li jghoddu, soggetta ghal servitu pubbliku ta' uzu u ta' transitu, u l-Gvern jew il-Kunsill ghandhom dritt li jaghmlu dawk ix-xoghlijiet li minn zmien ghal zmien jinhassu necessarji, fl-interess tac-cittadini u tal-pubbliku in generali.  Ara a propozitu f' dan is-sens anke jekk trattasi ta' toroq vicinali, is-sentenzi riportati a **Vol. XXXIX  P I  p 1** u **Vol. XLII  P I  p 135**;

Dan precizat ma jidherx imbaghad li fil-kaz in ispecje giet provata dik il-molestja gravi a bazi tal-pretensjoni attrici, anke jekk fil-verita saru accenni fil-kors tal-kompilazzjoni tal-provi fil-kawzi koinvolgenti l-partijiet u ta' l-eskussjoni tal-perit tekniku.  Hekk per ezempju gie suggerit illi jezistu nkonvenjenzi bil-fatt tal-hrug u dhul tal-vetturi fil-garaxx, ir-restrizzjoni ta' l-ispazju bejn il-bieb tal-fond ta' l-attrici u l-karozza li tkun sosta fuq ir-rampa, u l-emissjoni ta' *exhaust fumes* mill-vettura;

In linea ta' principju "l-gurisprudenza taghna rriteniet illi l-proprjetarju ghandu d-dritt li juza liberament il-fond tieghu u li jaghmel fih dawk it-tibdiliet u modifikazzjonijiet li jidhirlu konvenjenti, anke jekk b' hekk hu jippriva lill-vicin minn xi vantagg, purche ma jirrekalux molestja gravi"  (**Kollez. Vol. XXXIX  P I  p 413**).  "*Per misurare la gravita` della molestia devesi riguardare non solamente alla natura, ma anche alla posizione e situazioni dei fondi e alle anteriorita` del possesso*" (**Kollez. Vol. XVI  P I  p 38**);

Issokta jigi rimarkat illi "jekk imbaghad il-molestja tkun derivanti minn allegat abbuz ta' bon vicinat, il-vicin jista' jagixxi fuq molestja biss meta din tkun gravi u mhux facilment tollerabbli" (**Kollez. Vol. XLV  P I  p 159**);

Din il-Qorti ssoffermat fuq dawn l-ezemplari biex ahjar tillustra l-punt illi dak li l-ligi tirriprova hi dik is-sitwazzjoni ta' fatt li minnha jitnissel l-inkomodu u dawk l-inkonvenjenti suxxettibbli ta' molestja gravi, cjoe "*non facilmente tollerabile*" (**Kollez. Vol. XX P I p 114**). Riedet b' hekk tippuntwalizza l-aspett tal-livell ta' tolleranza li l-gar kien mistenni jissapporti;

Certament materja bhal dan hi wahda ta' apprezzament ta' fatt imholli f' idejn min hu msejjah biex jarbitra fuq il-kwestjoni. Dan fl-ambitu mhux biss tal-principji generali tad-dritt daqskemm ukoll tal-bon sens fil-kwadru ta' l-inter-relazjonijiet bejn il-vicini, l-gharfien ta' dik il-psikologija li ttendi biex tezagera r-reazzjonijiet, u l-kapacita` li tinsilet il-vera raguni mill-pika;

L-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili kjarament jipprovdi illi "kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu <u>fil-qies li jmiss</u>, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dak l-uzu". Trasportat dan il-provvediment u l-precitati insenjamenti ghal kaz in ispecje ghandu jfisser illi l-konvenut kellu d-dritt li jaghmel uzu mir-rampa biex johrog jew idahhal il-vetturi tieghu u fil-process l-attrici, *qua* gara tieghu, kellha tissapporti dan l-inkonvenjent. Dan pero` dejjem sakemm il-konvenut ma jeccedix il-qies li tesigi l-ligi u jhalli l-vettura tieghu fuq ir-rampa ghal hin jew bl-"*engine on*". F' kaz bhal dan mhux normalment mistenni li l-gar jissapporti minhabba l-vicinanzi taz-zewg fondi l-inkonvenjenzi provenjenti minn qaghda simili. Dan ghaliex si tratta ta' eccess tal-"qies" li ssemmi l-ligi fil-precitat artikolu u dippju jincidi certament fuq il-grad ta' tolleranza li hu spettat li jkun hemm;

Issa, f' dan il-kaz, il-perit tekniku mkien ma ddetermina li kien hemm dik il-molestja gravi li l-ligi tikkastiga. Fil-fatt, minn ri-ezami tal-provi, dan il-fatt ma jemergix, ghallanqas konvincentement u b' mod li jista' jinghad li gie eccedut il-limiti tat-tolleranza hekk konstitwenti "l-vera mizura ta' l-obbligi tal-buon vicinat" (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 233**). Naturalment din il-Qorti mhix ser tonqos milli hi wkoll,

bhall-espert taghha qabilha, tikkonsilja lill-konvenut biex fl-interess tal-buon vicinat juza l-massima prudenza fil-hrug u d-dhul tal-vetturi mill-garaxx tieghu;

Kif gja gie osservat, il-perit tekniku ssuggerixxa wkoll x' ghandu jsir fic-cirkostanzi biex possibilment ikunu armonizzati d-drittijiet reciproci tal-kontendenti. Din il-Qorti, in mankanza ta' opinjoni kuntrarja, ma ssibx raguni ghaliex il-mizuri hekk suggeriti mill-perit tekniku ma jigux adottati. Dan anke bl-iskop salutari li jitnehha, u/jew jigi ridott, kull inkonvenjent. L-akkoljiment ta' mizuri bhal dawn mill-Qorti mhix xi "*noviter deductus*" in kwantu gja fil-passat il-Qrati segwew perkors simili bil-ko-operazzjoni tal-partijiet u fl-interess taghhom. Ara a propozitu "**Paul Dimech -vs- Carmelo Dalli**", Appell Civili, 31 ta' Jannar 1975;

Fl-ahharnett kwantu ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2140 tal-Kapitolu 16, tali preskrizzjoni decennali ma ticcentra xejn mal-materja hawn agitata. Il-fatti maghrufa ma jaghmlux applikabbli din il-preskrizzjoni ghall-kaz. Dan ghaliex id-dispost imsemmi jitratta dwar il-validita` tat-titolu ghall-fini tal-preskrizzjoni. Materja din ghal kollox differenti u distinta mill-fattezzi tal-kaz prezenti u allura l-konvenut ma jistax jibbenefika minn din l-eccezzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u b' hekk tiddikjara li t-tieqa fil-fond tal-konvenut fil-livell ta' l-ewwel sular mhix sitwata fid-distanza regolamentari ta' sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju tal-fond ta' l-attrici, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 443 (1) tal-Kodici Civili;

Tichad pero` t-tieni talba attrici billi ma rrizultax pruvat illi saret xi invazjoni tal-proprjeta` ta' l-attrici jew li giet

arrekata lilha molestja gravi bil-mutament adoperat mill-attur permezz tar-rampa. F’ kull kaz din il-Qorti taderixxi pjenament mal-mizuri suggeriti mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu u qed tordna li dawn isiru konformement ma’ l-iskizz u r-relazzjoni tieghu, possibilment bl-intervent tal-Kunsill Lokali li gja kellu mahsub progett simili ghal dak propost mill-perit gudizzjarju;

Fl-ahharnett filwaqt li din il-Qorti tichad it-talba kundannatorja riferibilment ghall-inibizzjoni mitluba, tordna li l-konvenut jaghmel a spejjez tieghu x-xoghlijiet rimedjali necessitati biex it-tieqa titragga lura ghad-distanza legali, u li jigu ezegwiti minnu wkoll il-mizuri proposti mill-perit gudizzjarju f’ paragrafu 19 tar-relazzjoni fil-kaz li dawn ma jigux adottati jew ma jsirux mill-Kunsill Lokali. Dawn ix-xoghlijiet ghandhom isiru zmien xahrejn taht is-supervizjoni ta’ l-Arkitett David Pace li qed jigi nominat ghal dan l-iskop ukoll a spejjez tal-konvenut. Fin-nuqqas, l-attrici hi awtorizzata minn issa taghmel l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut u kif fuq imfisser;

In vista tar-rebh u t-telf l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------